**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 721/97

John Bartell

vs

Kap Kmandant tal-Forzi Armati

Illum 6 ta' Gunju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, ir-rikorrent sofra ingustizzja peress li ma nghatax promozzjoni, meta kien kwalifikat ghaliha.

Illi l-fatti tal-kaz kienu kif gej:

1. Illi r-rikorrent dahal fl-Armata fl-1962 bhala Gunner.

2. Illi r-rikorrent dejjem ghamel xogholu b' sens ta' responsabbilita` u dejjem kellu kondotta tajba (Dok A1, A2).

3. Illi r-rikorrent huwa ben kwalifikat fil-qasam tax-xoghol tieghu, jippossjedi certifikat ta' Water Duties, Hygiene Courses u Cadre Courses li attenda kif ukoll Deckhand Courses u courses fil-kanuni Browning. Ir-rikorrent huwa wkoll kwalifikat fuq il-lanec kollha tal-AFM.

4. Illi ghalhekk fl-1966 huwa nghata promozzjoni ghall-Lance Bumbardier u ghamel xi zmien fil-Germanja jahdem fil-qasam tal-General Transport.

5. Illi r-rikorrent irritorna lura Malta fl-1970 fejn ghamel kors ta' rescue mal-RAF u anki attenda ghall-instruction courses mal-United States Navy Mobile Training Team (Dok B) partikolarment fil-Marine Engineering.

6. Illi sadanittant ir-rikorrent ikkwalifika wkoll bhala B3 Driver u Marine Engine Driver.

7. Illi b'dawn il-kwalifiki r-rikorrent inghata l-opportunita' li jghallem il-membri tal-Forzi Armati ta' Malta f'diversi oqsma. (Dok C-E)

8. Illi fis-sena 1981 ir-rikorrent inghata l-promozzjoni ghall-Bumbardier u ghadu sal-lum il-gurnata jghallem il-marine engineering.

9. Illi fis-sena 1988 hargu l-promozzjonijiet ghas-surgenti u minkejja l-kwalifiki, is-seniority u l-esperjenza tar-rikorrent gie maqbuz.

10. Illi fis-sena 1992 regghu hargu promozzjonijiet ghal Staff Sargeants u r-rikorrent gie negat din l-opportunita` wkoll u dan anki meta kien ben kwalifikat ghaliha.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib sabiex isostni l-ilment tieghu, lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dan l-ilment u dan skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jinghata l-promozzjoni li kien haqqu ta' Staff Sargeant lura sa mis-sena 1992 u jithallas id-differenza fil-paga jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens ta' mhux aktar min Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa li dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi r-rikors promotur huwa inammessibbli fit-termini ta' l-Artikolu 5(3)(b) ta' l-Att VIII ta' l-1997 peress illi r-rikorrent naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-Artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati.

Illi fil-promozzjonijiet li saru sew b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 kif ukoll b'effett mill-20 ta' Jannar 1992, ir-rikorrent kien inqas ikkwalifikat minn dawk li gew promossi u li kienu junior tieghu. Barra minn hekk fl-1988 meta r-rikorrent kien inghata c-cans biex jattendi ***cadre course*** ghall-NCO's hu kien irrapporta sick ghand it-tabib u nqala' mill-course.

Illi ma jirrizultax li r-rikorrent jghallem il-Marine Engineering u ghaldaqstant dak li qed jallega r-rikorrent mhux korrett. Barra minn hekk il-kwalifikazzjonijiet li r-rikorrent ghandu huma bazici cioe` kollha Class 3 u ghaldaqstant wiehed ma jistax jippretendi li hu xi instructor b' dawn il-kwalifikazzjonijiet.

Illi fil-1992, ir-rikorrent ma jistax jilmenta li ma nghatax il-promozzjoni ghall-Staff Sargeant ghaliex f'dak iz-zmien ir-rikorrent kien ghadu fir-rank ta' Bumbardier u ghaldaqstant ma jistax jippretendi li jaqbez zewg rankijiet. Jirrizulta wkoll li hu m' ghamel qatt xejn biex itejjeb l-edukazzjoni tieghu u ghaldaqstant hija wahda mir-ragunijiet li ma mexiex 'il quddiem.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkommandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita`

u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif wkoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe' l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970, u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu, ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni prefenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premessi, fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita il-gurisdizzjoni tieghu u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi fil-15 ta' Gunju 1999 l-intimat irtira l-eccezzjoni fuq l-Artikolu 161 tal-Att dwar il-Forzi Armati.

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. Semma l-kwalifiki li ghandu u lmenta li xorta wahda ma sarx Surgent. Semma li kien hemm Surgent

Mercieca 699 u Surgent Zammit 940 li kellhom anzjanita` anqas minnu u xorta wahda saru. Semma li anke fl-1992 meta regghu hargu l-promozzjonijiet rega' ma nghatax promozzjoni.

In kontro ezami r-rikorrent qal li ghamel il-Class 3 Education fl-1970. Il-parti l-kbira tax-xoghol tieghi kien fil-Maritime Squadron.

Xehed Il-Maggur Mario Gatt li jaf lir-rikorrent ghal madwar 26 sena. Ghal madwar hames snin kien l-OC tieghu. Ix-xoghol tieghu kien ta' instructor tal-kanuni u fl-isquadron kien hemm hafna li tghallmu dan taht id-direzzjoni tieghu. Ftit taz-zmien wara huwa kkwalifika bhala B3 Engine Driver. Huwa kien driver tajjeb ta' l-affari tieghu. Dejjem obda lis-superjuri tieghu u qaghad ghall-istruzzjonijiet li tawh.

Il-Kurunell Mario Schembri pprezenta parti mill-medical report tar-rikorrent mahrug mit-Tabib Robert Galea. Semma li r-rikorrent kien gie mibghut lura fil-unit fejn jahdem minhabba problemi medici u b' hekk ma setax ikompli dak il-Cadre Course. Esebixxa lista ta' promozzjonijiet li saru mir-rank ta' Bumbardiera ghal Surgent fit-Task Force b'effett mill-11 ta' Mejju 1988. Isem ir-rikorrent qieghed muri shaded bil-griz f'pagna 2. Ma jfissirx li ha promozzjoni dak in-nhar imma biex juru postu li kieku ha l-promozzjoni f'dik id-data. Esebixxa bl-istess mod lista ta' promozzjonijiet b'effett mill-20 ta' Jannar 1992 minn Bumbardier ghal Surgent li saru fl-ewwel regiment.

Semma li r-rikorrent fil-fatt ma kellux il-Class 3 Education kollha, kellu biss il-parti tal-Ingliz li kien gab fl-1977. Rigward l-Army Certificate of Education, fl-1988, ir-rikorrent kien konsiderat nil ghaliex biex ikun validu l-Army Certificate of Education, irid ikollu l-erba' komponenti. Dwar il-Cadre Course kien "excused medical" li bazikament tfisser li ma jistax ikompli l-Cadre Course. Esebixxa wkoll il-Confidential Reports dwar ir-rikorrent.

**KONKLUZJONIJIET**

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, is-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna/persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

***Dwar il-promozzjonijiet tal-1988***

Meta wiehed ihares lejn l-iskeda MS3 a fol 38 jirrizulta li bhala kwalifiki ta' edukazzjoni r-rikorrent kellu nil u gie maqbuz minn

tlettax-il persuna li pero` kollha kemm huma kellhom ACE 3, 2 jew 1. Dan ifisser li bhala edukazzjoni dawk li qabzu lir-rikorrent kellhom dawk il-kwalitajiet pozittivi superjuri ghal tieghu u ma jistax it-Tribunal ihoss li saret ingustizzja fit-termini tal-Kap 394 meta nghataw il-promozzjoni l-persuni l-ohra u mhux hu. Naturalment jekk ma setax jikkwalifika ghal Surgent ghax ir-rikorrent kellu r-rank ta' Bumbardier, aktar u aktar ma setax jigi promoss ghal Staff Sargeant. Huwa veru li s-superjuri tar-rikorrent kellhom impressjoni tajba tieghu u jafuh bhala suldat tajjeb li jaghmel dmiru b' mod efficjenti izda r-rikorrent bata taht kwalifiki biex jiehu l-promozzjoni. Ghalhekk isib l-eccezzjoni tal-intimat sostenibbli u t-Tribunal qieghed jilqaghha.

***Dwar il-promozzjonijiet tal-1992***

Ghall-promozzjonijiet tal-1992 ir-rikorrent gie maqbuz minn hmistax li pero` wkoll f' dan il-kaz kollha kellhom Army Certificate of Eduication 3, 2 jew 1 waqt li tieghu kien nil. L-istess ragunar li ntqal fuq japplika ghal dawn il-promozzjonijiet u ghall-istess motivi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.